MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 99/2023 LM

**Richard Ambery (K.I. 58690A)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Managing Partners Malta Ltd (C 52629)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Managing Partners Malta Ltd (C 52629)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fit-3 ta' Ottubru, 2023 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], dwar il-Kwistjoni tax-Xogħol 3745, liema każ ġie istitwit mir-rikorrent **Richard Ambery (K.I. 58690A)** kontra s-soċjetà intimata, fejn it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

*"Għaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-rikorrent kienet waħda kontra l-liġi u qiegħed jillikwida d-danni għal tnejn u sittin elf u ħames mitt euro (€62,500) li għandhom jitħallsu mis-soċjetà lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data tal-lum.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol".*

## **Fatti**

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata fil-qasam legali u ta' *compliance,* meta fil-11 ta' Diċembru, 2018 huwa ġie mkeċċi sommarjament. Ir-rikorrent qal ma kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi li kellha twassal għat-tkeċċija tiegħu. Qal ukoll li t-tkeċċija seħħet wara li huwa kien eżegwixxa d-doveri tiegħu skont il-liġi u b'mod professjonali, kif marbut mill-istess professjoni, iżda din l-eżekuzzjoni ma kinitx sodisfaċenti għas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent kompla jgħid li huwa mhuwiex jitlob *reinstatement* fl-impjieg, iżda dikjarazzjoni li kien hemm tkeċċija li mhijiex skont il-liġi, u li jiġi ffissat kumpens ġust li għandu jinkludi konsiderazzjoni tal-obbligi kuntrattwali tas-soċjetà intimata, bis-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrent l-imsemmi kumpens.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet ġusta u valida skont il-liġi, u allegat li matul il-perijodu tal-impjieg tiegħu, ir-rikorrent kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu bħala impjegat, bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu u tal-*guidelines and policies* tagħha. Is-soċjetà intimata qalet li dawn in-nuqqasijiet serji wasslu sabiex l-interessi tagħha ġew ippreġudikati serjament, u kienu jinkludu ksur tal-obbligi kunfidenzjali u tal-obbligi u r-responsabbiltajiet professjonali, legali u etiċi tagħha. Qalet li r-rikorrent mhux

talli ma eżegwiex id-doveri tiegħu b'mod professojnali, talli l-atteġġjament tiegħu bħala rappreżentant tagħha u fil-konfront tal-kollegi tiegħu, kien wieħed inaċċettabbli, jekk mhux abbużiv. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li dan l-atteġġjament abbużiv fil-konfront tagħha, ppersista anki wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, għalkemm minkejja dan kollu hija xorta waħda ttentat tirrimedja s-sitwazzjoni diversi drabi, filwaqt li r-rikorrent baqa' inadempjenti.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret kontra l-liġi, u għaldaqstant illikwida d-danni sofferti minnu fl-ammont ta' tnejn u sittin elf u ħames mitt Euro (€62,500), liema danni għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata fi żmien xahar mid-deċiżjoni tiegħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Fatti fil-Qosor tal-Każ***
>
> *Ir-rikorrent qal li kien impjegat mar-rikorrenti fil-kamp legali u* compliance *u fil-11 ta' Diċembru, 2018 safa mkeċċi sommarjament mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti għal-liġi. It-tkeċċija tiegħu seħħet wara li r-rikorrent kien eżegwixxa dawk li hu jissottometti li kienu doveri tiegħu b'mod professjonali u kif marbut mill-istess professjoni. Ir-rikorrent jisħaq li kien innota diversi irregolaritajiet u klawsoli li huma illegali u fil-kapaċità tiegħu ta' impjegat fil-kamp legali mas-soċjetà, avviċina lil diversi persuni fl-istess soċjetà biex jiġbdilhom l-attenzjoni dwar dawn l-irregolaritajiet.*
>
> *Min-naħa tagħha s-soċjetà qalet li matul il-perijodu tal-impjieg tiegħu huwa kiser l-obbligi tiegħu bħala impjegat bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg u tal-linji gwida u* policies *maħruġin mis-soċjetà esponenti fost l-oħrajn, liema nuqqasijiet jinkludu ksur tal-obbligi kunfidenzjali u ksur tal-obbligazzjonijiet u responsabbiltajiet professjonali, legali u etiċi.*

***Ġabra fil-qosor tax-xhieda***

***Richard Ambery*** *permezz ta' affidavit qal li hu dam impjegat mas-soċjetà intimata mill-1 ta' Awwissu, 2016 sal-11 ta' Diċembru, 2018. Huwa okkupa l-kariga ta' Konsulent Legali Ewlieni u* Chief Risk Officer. *Kellu r-responsabbilità jagħti parir fuq sbatax (17)-il fond ta' investiment li kienu jaqgħu taħt ħames kumpanniji fi ħdan il-Managing Partners Group (MPG), li s-soċjetà intimata kienet parti minnha. Kellu wkoll l-irwol li jmexxi t-tim ta' avukati impjegati tas-soċjetà, l-*accountants *u esperti finanzjarji oħra; jara wkoll li l-attivitajiet tal-MPG ġewwa l-erba' uffiċini madwar l-Unjoni Ewropea jaġixxu skont il-liġijiet; kien ukoll il-*project manager *tat-trasferiment tal-MPG minn Cayman Islands għal Singapore.*

*Huwa qal li dejjem kellu* feedback *pożittiv li kien jingħatalu bħala* performance review, *sew fl-2016, 2017 sa Lulju 2018, liema* feedback *kien jingħata kull sitt xhur. Kien jingħata wkoll il-*bonuses *relatati u aktar inċentivi. Ix-xhud qal li huwa filfatt* solicitor *fil-Qorti Suprema tal-Ingilterra u Wales u l-Qorti Suprema ġewwa l-Irlanda, kif ukoll avukat b'liċenzja Ewropea mal-Ministeru tal-Ġustizzja ġewwa Malta. Huwa qal li fit-8 ta' Novembru, 2018 irċieva ittra (ittra li tippreċedi azzjoni) mingħand Messrs Maples u Calder li huma l-konsulenti legali mal-Uffiċċju Strarċjarji Konġunti inkarigati minn Fond ta' Investiment, fi ħdan kumpannija sussidjarja ta' MPG. Fl-ittra ġie infurmat li kienu saru sittax (16)-il xahar ta' investigazzjoni, laqgħat u korrispondenza ma' kredituri u investituri, u wkoll infurmatu li ser jitniedu proċeduri legali immedjati fuq diversi affiljati tal-MPG kif ukoll kontra* Chief Executive Officer, *Jeremy Leach u Direttur ta' diversi affiljati William McClintock. L-istess ittra talbet is-somma ta' sbatax (17)-il miljun, tliet mija u tmintax-il elf, mija u tlieta u tletin u tmienja u sittin dollaru Amerikan (USS 17,318,133.68) u dan minħabba ħlas żejjed u mhux dovut fi tranżazzjonijiet illeċiti u frawdolenti li bihom ġew iffrodati l-kredituri.*

*Huwa qal li l-għada kkuntattja l-*insurance brokers *tas-soċjetà biex jara kif u kemm huma koperti u biex jinnotifikahom bil-possibilità ta' talba għat-tali somma kif imsemmija fl-ittra. Huwa sab li fl-applikazzjoni għall-*insurance *kien hemm ċerti ineżattezzi frawdolenti li jirrendu l-*insurance *bħala invalida u immedjatament ġibed l-attenzjoni ta' Jeremy Leach bħala* Chief Executive Officer (CEO) *u ta' Nicholas Calleja,* Chief Financial Officer (CFO). *Huwa qal li fl-opinjoni professjonali tiegħu, l-allegazzjonijiet li kien hemm fl-ittra kienu fondati u ssustanzjati. Sar jaf ukoll li s-soċjetà kienet tiswa b'kollox bejn erba' miljuni u sitt mitt elf dollaru Amerikan (USS 4,600,000) u ħames miljuni u erba' mitt elf dollaru Amerikan (USS 5,400,000) u b'hekk ikkonkluda li s-soċjetà ma kinitx kapaċi tħallas id-djun tagħha u kien se jkollha tiġi ddikjarata falluta. Ix-xhud żied jgħid li fil-ġranet ta' wara ġie kkuntattjat diversi drabi minn* Liquidation Defendant *tas-soċjetà William McClintock u* Liquidation Defendant

Director *Jacques Leuba li wrew tħassib kbir fuq is-sitwazzjoni. Qal ukoll li huma kienu mġiegħla japprovaw tranżazzjonijiet kontra x-xewqa tagħhom mis-CEO u CFO.*

*Huwa qal li stqarr it-tħassib tiegħu kif proposti illegali kienu qed jiġu ppreżentati bħala legali u qal ukoll li Jeremy Leach is-CEO sikwit kien jiskreditah u jgħidlu għax inti trid tagħmel kollox eżatt, u din kienet ir-raġuni għala ħallih barra minn ċerta korrispondenza u ddiskuta biss ma' McClintock u Leuba.*

*Ix-xhud qal li s-CEO kien diġà talbu biex iħalli barra lill-membri tal-bord u ma jinfurmahomx b'kollox minbarra lis-Sur Calleja. Minbarra McClintock u Leuba, qal ix-xhud, huwa ħass li kien id-dover tiegħu li jinforma lid-diretturi bil-kontenut tal-ittra u bit-tip ta' insurance li kellhom u dan għamlu permezz ta' rapport li kien kellu jitqassam waqt il-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi bejn 3 u l-5 ta' Diċembru fi Spanja u fis-7 ta' Diċembru ġewwa l-Ingilterra.*

*Huwa qal li b'sorpriża għalih, is-segretarja tal-kumpanija Hayley Sanders u Hannah Grant assistenta eżekuttiva, rrifjutaw li jinkludu fir-rapport legali dettalji mill-ittra u informazzjoni dwar l-insurance u l-proposti llegali. Huwa qal li sinjura Sanders filfatt hija preżentement suġġetta għal investigazzjoni mis-Solicotors Regulation Authority ġewwa l-Ingilterra u Wales. Huwa qal li d-dettaji xorta ġew inkluzi mill-kollega tiegħu Salvatore Ferrante. Huwa qal li dawn id-dettalji ġew ippreżentati waqt il-laqgħa tal-Bord li għalihom kien hemm preżenti s-CEO Jeremy Leach, CFO Nichlas Calleja u d-diretturi William McClintock u Jacques Leuba fost oħrajn.*

*Ix-xhud qal li fit-30 ta' Novembru 2018 huwa ssottometta kopja tal-*performance review tiegħu *kif kien mistenni jagħmel u l-Ġimgha 7 ta' Diċembru 2018 iriċeva stedina mis-CEO u CFO biex jiltaqa' magħhom fil-11 ta' Diċembru 2018. Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-avukat Jean Farrugia. Jeremy Leach immedjatament infurmah li se jiġi itterminat. Ix-xhud qal li huwa kkontesta li ma kienx hemm raġuni valida u suffiċjenti biex jiġi tterminat u nfurmahom ukoll li bħala membru u uffiċjal fil-Qorti Supema tal-Ingilterra u Wales kien se jikxef l-affarijiet hawn fuq imsemmija, jekk xejn jinforma lid-diretturi tal-Kumpaniji kkonċernati. Huwa qal li huwa vvaka l-pozizzjoni tiegħu kif ġie kkomunikat lilu mis-soċjetà ntimata.*

*Jeremy Leach permezz ta' affidavit qal li r-rikorrent beda jaħdem mas-soċjetà fl-1 ta' Mejju 2016, wara li dan telaq minn ma' Ganado. Ix-xhud qal li meta beda jaħdem magħhom ġie offrut il-pożizzjoni ta' kap tal-Capital Market Business u minn hemm ingħata l-inkarigu biex jibni Capital Market Business għas-soċjetà f'Malta. Ix-xhud qal li r-rikorrent talbu biex in-nomenklatura tkun tgħid li qed jaħdem bħala Chief Risk Officer li bħala expatriate foreign national ikun jista' jibbenefika minn rata favorevoli ta' taxxa.*

*Ix-xhud semma diversi okkażjonijiet fejn ir-rikorrent ma' kienx iġib ruħu bl-edukazzjoni kemm mal-kollegi kif ukoll ma' klijenti importanti għas-soċjetà, sew bit-telefon u sew b'emails.*

*Semma wkoll li kien iġib ruħu stramb fuq il-lant tax-xogħol u wkoll xi drabi kien jagħti l-impressjoni li kien ikun xurban. Ix-xhud qal li darba waħda ħalla l-bieb imbexxaq, neħħa ħwejġu ta' fuq, libes* boxer shorts *u ingwanti tal-boxing u telaq mill-uffiċċju b'dan l-ilbies. Ix-xhud semma diversi email dispreġjattivi fil-konfront ta' kollegi, fosthom waħda mibgħuta fl-24 ta' Mejju, 2018 dwar ċertu Andrew Guherie, oħra fit-13 ta' Ġunju, 2018 lil Salvatore Ferrante. Ix-xhud semma wkoll kif ir-rikorrent beda jnaffar investiment u waqt li kien jieħu paga għolja ma kinitx tirrifletti x-xogħol li kellu jagħmel. Ix-xhud semma kif id-deċiżjoni finali li jitkeċċa ttieħdet wara erba' inċidenti fejn ta informazzjoni sensittiva lil terzi, liema informazzjoni rriżultat minn laqgħa mal-*management*; għamel xogħol privat waqt il-ħin tax-xogħol; iċċirkola materjal fil-forma ta' ċajta li tirredikola lill-kumpannija kemm ma' kollegi, kif ukoll mal-media soċjali, li tmur direttament kontra l-kuntratt tax-xogħol; u partat informazzjoni kunfidenzjali ma' diretturi ta' kumpannija oħra mingħajr il-kunsens tas-soċjetà.*

*Ix-xhud qal li dan wassal għat-terminazzjoni tar-rikorrent wara li dan kien ingħata diversi twissijiet verbali u rrifjuta japoloġizza ma' min kien offensiv fi kliemu. Semma kif kien ikellem b'mod dispreġjattiv lil Salvatore Ferrante u insulta lil Hannah Grant f'email li kien bagħat u ma talabhiex skuża minkejja li l-*management *talbu xort'oħra. Fid-dawl ta' dan kollu u l-erba' inċidenti fuq imsemmija, wassal biex fil-11 ta' Diċembru, 2018 ġie tterminat.*

***Hayley Marie Sanders*** *b'affidavit qalet li ngħaqdet ma'* Ganado and Associates *ftit qabel ir-rikorrent, hija bħala avukat tal-kumpannija u hu bħala* partner. *Ir-rikorrent kellu jkun il-mentor tagħha għal sentejn waqt l-operat tagħha. Hija qalet li r-rikorrent kien arroganti u ma kienx maħbub mill-kollegi. Semmiet kif darba kienet mistiedna għandu u ma ħadet gost xejn bil-kummenti li għadda fuq żewġ nisa kollegi avukati tagħha. Semmiet ukoll kif darba minnhom kellu jkun magħha għal* meeting *tax-xogħol partikolari, iżda hu baqa' ma tfaċċax. Ix-xhud qalet li kellha tikkanċella u kienet ixxukkjata bil-mod kif kellimha r-rikorrent meta ried isir jaf għala ma għamlitx il-*meeting *waħedha u għajjarha li hi bla użu. Aktar tard wara li ntemmilha l-kuntratt ta' taħriġ u rritornat lura l-Ingilterra u effettivament ħadmet ma' kumpannija hemm, ġiet bżonn firma tar-rikorrent bħala l-persuna li kien qed jissorvelja t-taħriġ tagħha. Meta ltaqgħet miegħu semmielha* vacancy *mal-MPG biex tidħol magħhom bħala Segretarja tal-Kumpannija. Hija qalet li marret lura għax-xogħol mar-rikorrent imma f'dipartiment differenti, iżda xorta reġgħet sabet ruħha tiġi mgħajta spiss biex taħdem fid-dipartiment tiegħu; u kien ukoll spiss iċekken lilha u xogħolha u*

*jimminaċċa lill-istaff u jmur kontra l-ordnijiet tal-manager tagħha u hi kienet issib ruħha f'sitwazzjoni konfliġġenti. Hija qalet li kienet taf li r-rikorrent kien diffiċli bħala karattru imma ma basritx li kompla jmur għall-agħar minn żmien li kienu jaħdmu flimkien ma' Ganado. Issa mal-MPG kompla jiggrava. Ix-xhud semmiet kif kien jibbulija u jimminaċċa kollegi oħra. Ix-xhud qalet kif l-attitudni tar-rikorrent u l-allegazzjonijiet tiegħu kontriha u l-*employer *tagħha affettwawha u spiċċat stressata u dipressata.*

***Nicholas Calleja*** *fil-kapaċità tal-Group CFO, xehed kif ir-rikorrent kien diversi drabi jġib ruħhu b'mod arroganti u semma kif anke bagħat emails fejn attakka impjegata femminili l-Ingilterra u rrefera għaliha bħala* 'mentally challenged'. *Lilha u lil Hayley darba minnhom maqdrilhom xogħolhom. Ix-xhud qal li wissa u bagħat emails lir-rikorrent diversi drabi minħabba dan l-atteġġjament abbużiv, minkejja l-pożizzjoni antipatika li kien ikun fiha minħabba l-pożizzjoni għolja li kien jokkupa r-rikorrent. Ix-xhud qal ukoll li lejn l-aħħar tal-2018 l-imġiba tar-rikorrent saret erratika u qisu ma kienx ikun jaf x'qed jiġri, fejn darba anke attenda* bord meeting *bi qmis kważi mqatta'. Ix-xhud semma wkoll kif kien iġib ruħhu tali mod li jgerrex klijenti prospettivi anke meta jkunu fil-fażi ta' diskussjoni, ir-rikorrent imaqdrilhom il-prodott u jgħidilhom li mhux se jirnexxi fis-suq. Semma wkoll li l-istaff kien jibża' minnu u intimidat u allura ma kinux jgħidulhom x'qed jagħmlilhom fil-pront.*

*Ix-xhud semma wkoll kif anke hu personalment ġie akkużat b'korruzzjoni mir-rikorrent fejn dan allega li x-xhud ippreżenta u ffalsifika informazzjoni skorretta lill-MIB f'Malta. Ix-xhud qal li hu rribatta dan b'email. Huwa kkonferma li bħala kollega tar-rikorrent kien abbużiv,* bully *u dejjem jimminaċċjahom bi kliem u attitudni abbużiva.*

***Anthony Eyley*** *permezz ta' affidavit qal li huwa preżentement direttur ta'* Smart Capital SCC plc *u ilu jagħmel kummerċ mas-soċjetà intimata għal ħamsa u għoxrin (25) sena u ħadem direttament ma' Jeremy Leach f'diversi okkażjonijiet. Huwa qal li fis-sena 2016 jew 2017 ir-rikorrent ġie impjegat minn Jeremy Leach u kellhom jaħdmu flimkien fuq proġett. Għall-ewwel l-impressjoni li ħa, qal ix-xhud, kienet li r-rikorrent jaf x'inhu jagħmel u professjonali f'xogħlu. Imma din l-impressjoni malajr indbidlet drastikament u sar bniedem problematiku biex taħdem miegħu. Kien ukoll arroganti. Huwa qal li r-rikorrent mhux talli ma temmx il-proġett li kellu jagħmel iżda talli dan ma sarx u fittex lill-kumpannija tax-xhud għad-danni. U dan ċajpar ir-reputazzjoni li kellha s-soċjetà ntimata. Huwa rrefera wkoll għal email partikolari fejn fiha r-rikorrent nsulta lil Hannah Grant.*

***Gan Wyndham-Jones*** *permezz ta' affidavit qalet li hija l-kap tal-Compliance and Corporate Services mal-MPG. Hija qalet li saret taf lir-rikorrent meta kien għadu jaħdem ma' Ganado u ħadmu flimken fuq proġett. Hija qalet li kienet tiltaqa' miegħu*

*xi ħames darbiet f'sena u t-tnejn li huma kienu jattendu l-laqghat ta' bord u* management *meetings. Għall-ewwel ftit xhur, hija qalet li kollox kien sew iżda mbagħad r-rikorrent ma baqax jaħdem sew. Hija qalet li kien juri disrispett lill-kollegi u kellu attitudni negattiva u jesebixxi sarkażmu qawwi. Ix-xhud qalet li dan ma kienx fl-interess tas-soċjetà ntimata. Qalet ukoll li hi personalment qatt ma esperjenzat dan l-aġir u li l-iktar persuna li sofra dan l-abbuż u kien intimidat minnu kien il-kollega tiegħu stess Salvatore Ferrante. Persuni oħra li ma ġewx irrispettati kienu Hannah Grant u Hayley Sanders.*

***Salvatore Ferrante*** *b'*affidavit *fil-kapaċità ta' Corporate Services Executive beda jaħdem mas-soċjetà fl-1 ta' Lulju 2016. Huwa qal li grazzi għar-rikorrent kien tgħallem diversi mizuri u kien kapaċi japplika dawn l-istess mizuri għat-teknikalitajiet ikkumplikati legali li wieħed isib fis-settur tal-finanzi. Huwa qal li kien propju dan it-taħriġ li għenu jakkwista l-pożizzjoni li għandu issa bħala vici-president mal-Bank of New York ġewwa Londra. Ix-xhud qal li r-rikorrent dejjem kien lest biex ifehmu ħwejjeg diffiċli u għenu f'diffikutajiet eżatt kif kien jgħidlu bihom. Huwa qal ukoll li r-relazzjoni bejnu, r-rikorrent u Philip Eaton Richards, bejnethom it-tlieta ma kientx waħda feliċi, tant li Philip Eaton Richards beda jsir aktar diffiċli biex taħdem miegħu, speċjalment meta tikkonsidra transazzjonijiet kummerċjali li bdew jinġiebu għall-attenzjoni tal-Capital Markets Transaction Selection Committee li kienu diżastrużi, li ma kien qed ikollhom l-ebda bażi finanzjarja u nformazzjoni oħra essenzjali biex dawn il-mudelli jirnexxu. Ix-xhud qal li għandu għal xhix jirringrazzja lir-rikorrent li kien bis-saħħa tiegħu li attenda l-Global ABS f'Barċellona fl-2018. Huwa qal li oriġinarjament l-idea kienet li tiġi mistiedna Hannah Grant iżda hu raha vera stramba din l-istedina meta tikkonsidra li Hannah Grant ma kellha l-ebda taħriġ legali jew finanzjarju.*

*Huwa qal ukoll li matul dan l-avveniment induna li s-suq kien aktar wiesa' u ma kienx addattat għas-soċjetà u l-anqas kien postha hemmhekk. Ix-xhud qal li l-flus setgħu intnefqu ħafna aħjar u minflok ġew immirati lejn industriji ta' daqs zgħir u medju.*

***Richard Ambery*** *b'*affidavit *ieħor ippreżenta r-reazzjonijiet tiegħu għal dak li ntqal minn Jeremy Leach fejn jgħid li wara li akkwista l-file personali tiegħu mingħand id-dipartiment tar-riżorsi umani, sab diversi allegazzjonijiet ta' Leach li fil-fatt ma kinux fil-file tiegħu. Huwa beda biex qal li kien kellem l-ewwel darba lis-soċjetà intimata f'Diċembru 2015 u fil-frattemp kien attenda kors fil-*business administration *fl-Università ta' Cambridge. Huwa qal li ġie appuntat* General Counsel *mal-*Managers Partners Group *li s-soċjetà intimata hija parti minnha, u l-aktar kmieni li seta' vera kien mistenni minnu biex jibni* capital markets *għall-intimata kellu jkun mhux qabel ir-rebbiegħa tal-2018.*

*Huwa qal li Jeremy Leach u Dr Jean Farrugia bħala diretturi flimkien maċ-*chief financial officer *Nicholas Calleja ipproponew lix-xhud bħala managing director. Wara li kellu* performance appraisal *eċċezzjonali minn Leach u Calleja f'Diċembru 2017. Jgħid ukoll li s-soċjetà ġiet bżonn* Licence 1b *mill-MFSA. Bl-assistenza tal-avukat Jean Farrugia, minn DF Advocates Managing Partners Capital Advisors (MPCA) applikat iżda ma rnexxilhiex takkwistaha. MFSA kienet preokkupata li Jeremy Leach kien direttur ta' kumpanniji falluti fil-Cayman Islands u Isle of Man. Wara li ġara dan Jeremy Leach u Nicholas Calleja ġabu diversi skużi biex il-proġett ma javvanzax.*

*Huwa qal li kellu karrieri sbieħ u twal sew ma' Ganado u Dechert LLP f'Londra. Ix-xhud qal li s-soċjetà l-unika kumpannija legali li kellha kienet f'Cayman Islands u kienet limitata għall-proġett speċifiku – Stuarts Welker Hersant Humphris (SWHH) minkejja li kellha fergħat l-Ingilterra, Żvizzera, Spanja u Malta. Ix-xhud qal li diversi drabi sab attentati biex jippromwovu skemi mingħajr awtorizzazzjoni u li jmorru kontra l-liġi li tkopri dawk l-entitajiet.*

*Rigward is-*securitisation project *qal li dan kien fallut mill-bidu nett u kien maħsub b'qerq. Qal ukoll li Jeremy Leach akkużah b'xogħol u responsabbiltajiet li ma sarux li filfatt kellhom jitwettqu minn Philip Eaton kif jidhru ċar fir-rapport ippubblikat f'*Private Equity Wire *fil-ħarġa tad-29 ta' Settembru, 2016.*

*Huwa rrefera għall-allegazzjonijiet kontra l-Falcon Funds li kellhom jagħmlu mas-sittin miljun (€60,000,000) euro f'investimenti frawdolenti orkestrati minn Argentarius, il-benefiċjarju ewlieni tiegħu Anthony Fardell li kien estradit minn Malta. Argentarius għalaq Malta u mar il-Cayman Islands. Ix-xhud qal li minkejja r-rabtiet ma' Eaton Richards f'dan kollu, Jeremy Leach xorta appunta lil Richards bħala* Head Capital Markets.

*Ix-xhud qal li qatt ma kien inkarigat mill-*business plan *għal Capital Markets tas-soċjetà intimata, sakemm tfaċċat dik li kellha ssir biex tiġi akkwistata* licence 1b *lura fi Frar 2018. Ix-xhud qal li l-fatt li ngħata l-*bonuses *fl-2017, 2018 jindika li b'xogħlu kkontribwixxa għal aktar qligħ u proprju l-infiq estravaganti tagħhom ġab spalpaljar ta' flus. Huwa qal li mingħajr il-liċenzja kien illegali li jippromwovu l-għaxar skemi madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.*

*Ix-xhud innega kompletament li huwa għandu xi problema ta' xorb. Jgħid li pjuttost hija regola fl-uffiċini ta' Malta fejn jiġi kkunsmat kwantità ta' xorb alkoħoliku. Ir-rikorrent qal li jista' jiġi vverifikat ma' Steve Abela l-ħinijiet li huwa jiffrekwenta l-gym, u dan ikun jew kmieni qabel ix-xogħol jew wara l-ħin tax-xogħol.*

*Qal ukoll li għall-allegazzjoni li jilbes il-*boxing gloves *qabel iħalli l-uffiċini – ma jistax jimmaġina kif bihom se jitfaħ u jagħlaq bibien. Huwa qal li anqas hu possibbli li jaċċesa*

*n-Netflix mill-uffiċċju. Ix-xhud qal li l-email intenzjonata għal Hannah Gant intbagħtet mingħandu fit-tlieta u erbatax-il minuta ta' filgħodu (3.14am) u bi żvista kkopja lil kulħadd b'għafsa ta' buttuna u ta' dan l-għada filgħodu talab apoloġija. Ix-xhud qal li dan kien fl-2017, u dik is-sena ngħata xorta madwar tmintax-il elf, u mija u sitta u ħamsin euro (€18,156) f'*bonuses *t'apprezzament u għas-sena 2016 u tmintax-il elf euro (€18,000) għas-sena 2017 u tlieta u erbgħin elf u ħames mija u ħamsa u sebgħin euro (€43,575) f'aktar apprezzament għall-istess 2017.*

*Ix-xhud talab lit-Tribunal jikkonsidra dak li kien avżat li se jiġri fl-ittra ta' qabel tittieħed azzjoni, spiċċat f'kawża ġewwa l-Qrati Superjuri fil-Cayman Islands għad-danni ta' tnejn u tmenin miljun u tmien mitt elf euro (€82,800,000) nhar il-25 ta' Lulju, 2019.*

***Sintesi tas-sottomissjonijiet tal-każ***

***Av Ryan Falzon** għas-soċjetà intimata qal illi fil-każ odjern wieħed tajjeb jinnnota r-raġunijiet indikati mis-soċjetà esponenti, liema raġunijiet wasslu għat-terminazzjoni tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà esponenti, mhumiex elenkati fl-artikolu 36 (14) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din it-terminazzjoni ma tistax titqies awtomatikament bħala terminazzjoni inġusta.*

*Huwa qal li fl-ittra tat-terminazzjoni s-soċjetà elenkat li fit-28 ta' Novembru r-rikorrent għażel, mingħajr il-permess tal-bord tad-diretturi li jqassam informazzjoni ma' terzi persuni, informazzjoni sensittiva inkluż informazzjoni li ġiet diskussa fil-*management meeting, *kif ukoll ipprova jirredikola dan l-istess meeting. Dr Falzon qal li r-rikorrent ġie tterminat ukoll għax għażel li jagħti informazzjoni lil numru ta' Diretturi tal-Horizon Asset Management plc (HAM) minn wara dahar Jeremy Leach u allura fost affarijiet oħra ġie qed jiżvela informazzjoni kunfidenzjali bejn ir-rikorrent u Jeremy Leach mingħajr il-kunsens ta' Leach.*

*Dr Falzon qal ukoll li l-ittra tat-terminazzjoni ssemmi wkoll id-disrispett muri lil Hannah Grant u Salvatore Ferrante. Dr Falzon jgħid li allura t-terminazzjoni kienet ibbażata fuq il-ksur tal-obbligi kunfidenzjali da parti tar-rikorrent u kif ukoll fuq l-aġir abbużiv tal-istess rikorrent.*

*Dr Falzon qal ukoll illi permezz ta' numru ta' emails bejn ir-rikorrent u Jacques Lueba u William McClintock datati nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), ir-rikorrent, mingħajr il-kunsens tal-bord tad-diretturi tas-soċjetà esponenti xerred informazzjoni kunfidenzjali.*

*Huwa qal li r-rikorrent kiser ukoll ir-responsabbiltajiet professjonali tiegħu meta waqt il-ħinijiet tax-xogħol, kien qiegħed jagħmel xogħlijiet għal terzi persuni oħra li kienu klijenti privati tiegħu, bl-użu ta' riżorsi li kienet tipprovdilu l-kumpannija.*

*Dr Falzon isemmi wkoll illi l-imġiba tar-rikorrent kienet tikkostitwixxi ksur ampju tal-linji gwida u l-policies tas-soċjetà esponenti liema policies kienu jindirizzaw, fost affarijiet oħra, problemi relatati ma'* bullying *u* harassment *fuq il-post tax-xogħol. L-aġir abbużiv, Dr Falzon jgħid li kien in-norma u mhux l-eċċezzjoni. Isemmi wkoll l-email b'lingwaġġ vulgari li ntbagħtet nhar l-erbatax (14) ta' Ġunju 2016.*

*Dr Falzon qal li joħroġ ċar u li m'hemm ebda dubju, illi r-rikorrent, permezz tal-aġir tiegħu, kien abbużiv fil-konfront tal-kollegi tiegħu u naqas milli jaqdi l-obbligi tiegħu versu l-prinċipal tiegħu, liema aġir abbużiv wassal sabiex is-soċjetà esponenti tittermina l-impjieg tar-rikorrent.*

***Av. Andrew Borg Cardona** għar-rikorrent qal li r-rikorrent qabel ma tkeċċa ma ġiex rinfaċċjat anke minimament b'dawn is-suppost nuqqasijiet, li kif inhu eċċettat, hu l-minimu li impjegat għandu jippretendi qabel jiffaċċja l-aktar konsegwenza ħarxa fl-impjieg, ċioe t-tkeċċija. Dr Borg Cardona qal li inoltre, ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu wera ċar illi l-asserzjonijiet tal-*management*, fil-konfront tiegħu kienu ineżatti, bla bażi u konfużjonarji. Huwa qal li kien id-dover tar-rikorrent li jagħmel jikxef l-aġir irregolari, saħansitra illegali, tal-*management *lill-grupp u lid-diretturi li mhumiex eżekuttivi. Dr Borg Cardona qal li persuna bħal ma hu r-rikorrent, solicitor ammess skont il-liġi fil-Qorti Suprema Ingliża, għandu doveri etiċi u professjonali li jissuperaw l-obbligi dojoq ta' kunfidenzjalità li l-*management *ħass li kien marbut bihom.*

*Dr Borg Cardona qal li hu ċar illi f'industrija regolata bħal ma hi dik li fiha topera s-soċjetà intimata, dan it-tip ta' ħabi mhux aċċettabbli u r-rikorrent kellu kull raġun li jaġixxi kif jispjega b'mod ċar li għamel, anke fid-dawl ta' dak kollu li seħħ f'ġurisdizzjonijiet esteri. Dr Borg Cardona qal li għal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet ta' mġiba mhux korretta lejn il-kollegi, ir-rikorrent ma tantx għandu x'jikkummenta ħlief illi jindika illi ma nġabet l-ebda prova* firsthand *dwar dan, u in oltre, Salvatore Ferrante xehed mingħajr kontradizzjoni l-oppost. Huwa qal li l-imġiba skorretta fi kwalunkwe każ dak li seta' seħħ wara t-terminazzjoni tiegħu, hu għal kollox irrilevanti peress illi avvenimenti* ex post facto *ma jistgħux jintużaw biex jiġġustifikaw it-tkeċċija peress illi ma setgħux kienu r-raġuni għal tali tkeċċija. Dr Borg Cardona qal li ma setax kien hemm aġir ta' nuqqas ta' koperazzjoni u dan jidher mill-fatt tad-diversi żidiet u* bonuses *li ngħata r-rikorrent. Huwa qal li r-rikorrent kien promoss diversi drabi, u mogħti żidiet u* bonuses *u ovvja li dak li seħħ kien għal raġunijiet spettanti għall-mod kif il-*management *xtaqu jżommu ċerti affarijiet 'kunfidenzjali'.*

*Dr Borg Cardona qal ukoll li la r-rikorrent u lanqas ħadd aktar minn Ganado Advocates ma kienu ngaġġati mas-soċjetà dwar is-*securitisation project*. Fil-fatt kienu Camilleri Preziosi Advocates, li magħhom ir-rikorrent qatt ma kellu konnessjoni anqas remota, li kienu involuti u allura l-intimati mhux qed jindikaw il-verità b'dak li hemm sottomess minnhom.*

*Huwa qal li kif ġie indikat ma kienx hemm aġir abbużiv jew inaċċettabbli u ma kienx hemm provi biżżejjed miġjuba mill-intimati, anzi inġabu provi kontra miġjuba mir-rikorrent. Dr Borg Cardona għamel ukoll referenza għal doc. RA10 sottomess mir-rikorrent fejn wera li fil-fatt tkeċċa minħabba* whistleblowing *leġittimu u fil-każ tiegħu, obbligatorju, liema fatt waħdu jindika ksur tal-Kap. 452 da parti tal-intimati.*

*Dr Borg Cardona qal li l-intimati stess saħħu l-każ tar-rikorrent meta għamlu referenza għall-provvedimenti tal-Kap. 452, permezz tal-paragrafi 10 u 11 tas-sottomissjonijiet tagħhom, fejn immedjatament wara li ġie mkeċċi, kien ġie msejjaħ jagħti xhieda fil-proċeduri ġewwa l-Cayman kontra kumpannija affiljata mas-soċjetà intimata. Dr Borg Cardona qal li r-rikorrent jimmerita* whistleblower protection *mhux li jitkeċċa minħabba f'hekk. Huwa qal li l-intimati donnhom jasserixxu illi ġialadarba r-raġunijiet għat-tkeċċija mhumiex raġunijiet tajba u suffiċjenti skont il-Kap. 452, it-tkeċċija mhux awtomatikament irregolari iżda hemm nuqqas ta' loġika f'din is-sottomissjoni, apparti l-fatt illi l-art. 36(14)(f) donnu japplika perfettament għal dawn iċ-ċirkostanzi.*

*Dr Borg Cardona qal li fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà jinċitaw mill-ittra ta' tkeċċija u jikkonfermaw, dak li jgħid ir-rikorrent, ċioe illi kien 'żvela' skont huma, informazzjoni kunfidenzjali, u fi kwalunkwe każ lanqas indenjaw ruħhom jiddiskutu miegħu dak li ġara iżda qabdu u tterminawh mingħajr ċans jiddefendi ruħhu. Dr Borg Cardona jirreferi wkoll għall-fatt li l-intimati jasserixxu illi r-rikorrent kien qed jagħmel xogħol privat legali barrani għal terzi. Għal dan ma nġabet l-ebda prova u dan, qal Dr Borg Cardona, mhux sorprendenti għax mhux minnu. Lanqas mhu minnu r-referenza għal entraturi fuq medja soċjali għax ma hemm l-ebda* record *ta' dan. Dr Borg Cardona qal li m'hemmx twissijiet ħlief dik dwar Hannah Grant li ġiet trattata kif xehed fl-affidavit ir-rikorrent. Dr Borg Cardona qal li għandhom jiġu kkunsidrati l-affidavit ta' Salvatore Ferrante, in-nuqqas ta' xhieda ta' Hannah Grant, għall-fatt li x-xhieda ta' Leach, Eyley, Wyndham-Jones u Sanders ma jistgħux ħlief jiġu karatterizzati bħala mhux ta' min joqgħod fuqhom fid-dawl tal-affidavit tar-rikorrent stess, liema affidavit effettivament ma ġiex kontradett fil-kontro-eżami, u wkoll għall-fatt illi meta spiċċa mill-impjieg, ġie ingaġġat bħala Senior Counsel fl-uffiċċju tal-General Counsel tal-Asian Development Bank, u dan xhieda tal-integrità tar-rikorrent.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kinitx waħda ġusta jew le.*

*Tenut kont ta' tlettax-il fattur miġjuba bi provi waqt is-smigħ tal-każ ċioe:-*

*Li r-rikorrent kien ilu jaħdem mas-soċjetà mill-1 ta' Awwissu, 2016, sal-11 ta' Diċembru, 2018;*

*Li s-soċjetà tgħid li kien hemm diversi abbużi minnu li wasslu għat-terminazzjoni tiegħu fosthom aġir mhux aċċettabbli mal-impjegati tas-soċjetà u s-superjuri tiegħu, kif ukoll għadda informazzjoni sensittiva fuq is-soċjetà;*

*Li l-aġir irregolari li ssemma diversi drabi li seħħ fil-konfront ta' waħda mill-kollegi, l-istess persuna naqset milli tixhed, kif ukoll seħħ f'April 2017, u r-rikorrent ġie tterminat xhur wara, f'Diċembru, 2018;*

*Li huwa ġie tterminat eżatt meta nqalgħet il-kwistjoni ta' tixrid ta' informazzjoni sensittiva liema informazzjoni aktar tard jidher li kienet tant serja li wasslet għal proċeduri legali fil-konfront tas-soċjetà f'ġurisdizzjonijiet barranin;*

*Li r-rikorrent kien impjegat proprju bħala* Chief Risk Officer *u Konsulent Legali;*

*Li n-natura tax-xogħol li topera fih is-soċjetà huwa tali li ma jippermettix żamma ta' informazzjoni sensittiva meta jkunu qed isiru irregolaritajiet serji;*

*Li mill-provi miġjuba l-aktar jekk mhux l-uniċi persuni li ġew imnaqqsa rispett mir-rikorrent, jidher li kienu Hannah Grant u Salvatore Ferrante, dan tal-aħħar fix-xhieda tiegħu stess ma jsemmi xejn, anzi għall-kuntrarju jfaħħar kontinwament lir-rikorrent u Hannah Grant lanqas biss xehdet;*

*Li dejjem ingħata l-*bonuses *u flus bħala apprezzament ta' xogħlu apparti l-paga sa Lulju 2018;*

*Li r-rikorrent meta sab li fl-applikazzjoni għall-insurance kien hemm ċerti ineżattezzi frawdolenti li jirrendu l-insurance bħala invalida u immedjatament ġibed l-attenzjoni ta' Jeremy Leach bħala CEO u ta' Nicholas Calleja, CFO;*

*Li r-rikorrent ta l-opinjoni professjonali tiegħu dwar l-allegazzjonijiet li kien hemm fl-ittra li rċevew li ammonithom, kienu fondati u sostanzjati;*

*Li r-rikorrent ġie mitlub ma jagħtix informazzjoni lill-membri tal-bord tas-soċjetà intimata stess;*

*Li l-emails li bagħat ir-rikorrent li kien fihom kliem dispreġjattiv lejn uħud mill-kollegi ntbagħtu xhur qabel it-terminazzjoni u lanqas ittieħdu passi jew ġie ppreżentat il-kors*

*ta' dixxiplina li kellha tittieħed mill-*management *skont ma jgħid l-istess* Staff Handbook *tas-soċjetà u allura l-*Bullying and Harassment Policy *ma ġietx lanqas onorata mill-istess* management *li kien fid-dover jaġixxi meta l-akkużi seħħew;*

*Li wara li r-rikorrent żvela l-informazzjoni li s-CEO kien qallu biex ma jqassamx, fil-5 u 7 ta' Diċembru, 2018 ġewwa Spanja u l-Ingilterra rispettivament waqt laqgħat tal-Bord tad-Diretturi, huwa ġie tterminat fit-18 ta' Diċembru tal-istess sena.*

***DEĊIŻJONI***

*Dan it-Tribunal ġie mitlub biex jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kinitx waħda inġusta. It-Tribunal ma setax ma jinnutax li kien hemm diversi emails u korrispondenza li kien fihom materjal li seta' kien offensiv lejn individwi msemmija u/jew indirizzati. Iżda meta wieħed jikkonsidra dawn l-emails ġew skambjati xhur kbar qabel it-terminazzjoni, it-Tribunal jekk xejn jgħid li kien il-*management *li naqas li ma ħax passi konkreti jekk ħass li dan kien abbuż u fi kliem il-*management *stess,* 'bullying' *lejn kollegi u impjegati tar-rikorrent.*

Management *serju ma kellux għalfejn jistenna sa Diċembru 2018 li jiġi proprju eżatt wara l-laqgħa mal-bord tad-diretturi li ma marritx kif mistenni mis-soċjetà. It-Tribunal allura mhux konvint li bħala raġuni għat-terminazzjoni ikun hemm imniżżel xogħol li ma għamilx qabel, ittri li ġew skambjati xhur qabel, anke sa sena u nofs qabel. Ukoll iżid ma' dan in-nuqqas ta' konvinzjoni, fl-istess nifs li saru dawn in-nuqqasijiet kollha mir-rikorrent, jibqa' jingħata somom kbar ta' flus fil-forma ta'* bonuses *u flejjes oħra bħala apprezzament ta' kemm qed jagħmel xogħlu sew. Filfatt irriżulta li ħadhom dejjem, ħlief ta' Diċembru, 2018, meta ġie tterminat.*

*It-Tribunal kien sorpriż li minkejja li ssemmew diversi każi, l-aktar żewġ persuni li setgħu kienu vittmi ta' dan l-aġir, kienu Salvatore Ferrante u Hannah Grant. Is-Sinjura Grant sofriet dan l-abbuż madwar sena u nofs qabel ġie tterminat u wkoll it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li s-sinjura Grant ma tat l-ebda xhieda. Mill-banda l-oħra Salvatore Ferrante fix-xhieda tiegħu ħlief kliem ta' tifħir ma semmiex fil-konfront tar-rikorrent u dan juri li hu personalment qatt ma ħassu abbużat jew intimidat tant li jgħid li bis-saħħa ta' kif ġie mirqum u mħarreġ mir-rikorrent stess, wara akkwista impjieg prestiġjuż fejn għadu fih sallum.*

*Akkuża oħra kienet l-użu ħażin tal-midja soċjali li ma ġiex ippreżentat provi konkreti tagħha li jistgħu b'xi mod jikkonvinċu lil dan it-Tribunal li dan l-użu b'xi mod ikkontribwixxa għad-deċiżjoni biex ir-rikorrent jiġi tterminat. L-istess jista' jingħad għar-referenza għal xogħol lil terzi waqt il-ħin tax-xogħol. Jifdal allura żewġ akkużi minn erbgħa li fil-fatt huma marbuta direttament mal-attivitajiet li kienu qed jiġu investigati, u wkoll tkomplew jiġu investigati mill-awtoritajiet ikkonċernati.*

*Hija prattika stabbilita li meta t-Tribunal Industrijali jifli x'seta' wassal għal terminazzjoni, jistrieħ fuq x'ikun seħħ qabel u mhux wara t-terminazzjoni għax li jseħħ wara ma jkunx ta' relevanza. F'dal-każ partikolari li seħħ wara, jiġifieri li s-soċjetà vera nstabet ħatja ta' attività illeċita u wkoll spiċċat f'kawża ġewwa l-Qrati Superjuri fil-Cayman Islands għad-danni ta' tnejn u tmenin miljun u tmien mitt elf euro (€82,800,000), kif kien ġie ammonit li se jiġri fl-ittra li rċieva r-rikorrent qabel ittieħdet azzjoni, liema ittra nediet il-bidu tat-terminazzjoni tar-rikorrent proprju għax ħa passi, jindika biċ-ċar li r-rikorrent kien qed jagħmel xogħlu u għamel xogħlu sew u kif mistenni minnu meta beda billi ġibed l-attenzjoni sew taċ-Chief Executive Officer Jeremy Leach u ċ-Chief Financial Officer Nicholas Calleja.*

*Irriżulta li r-rikorrent billi kkonsulta ma' dawn iż-żewġ diriġenti u kieku wara ma kkomunikax mal-kumplament tal-membri tal-Bord, kif kellu struzzjonijiet jagħmel, kien ikun ukoll kompliċi fin-nuqqasijiet serjissimi għall-mistier li fih jaqa' t-tip ta' xogħol li topera fih is-soċjetà. Ir-rikorrent kien fid-dover tiegħu li jieħu passi u jikkonsulta mal-membri l-oħra la ma seħħitx diskussjoni serja jew ittieħdet xi azzjoni biex l-akkużi jiġu investigati u/jew regolati.*

*Meta qies kollox ma' kollox it-Tribunal irriżultalu li l-erba' inċidenti u li dehru gravi f'għajnejn il-*management*, kollha jippuntaw għaż-żmien li ħareġ fil-miftuħ li Jacques Leuba u William McClintock kienu ġew infurmati mir-rikorrent bl-attività li ġiet u li qed tiġi investigata mill-awtoritajiet.*

*Anke li xhur kbar qabel kienu ntbagħtu emails bi kliem li seta' offenda kollegi tar-rikorrent, qisu l-*management *bħal intebaħ u ried jieħu azzjoni konkreta, meta l-attivitajiet li kienu qed jiġu investigati ħarġu fil-miftuħ.*

*Huwa importanti għat-Tribunal li jifli sew xi tkun ir-raġuni għala ġie tterminat u din ir-raġuni trid tkun konvinċenti li kienet il-vera kawża tat-terminazzjoni u mhux biss tinġieb bħala prova quddiem it-Tribunal bħala azzjoni inaċċettabbli. Din l-azzjoni inaċċettabbli trid tkun il-kawża jew waħda mill-kawżi li jwasslu għat-terminazzjoni. Lit-Tribunal imkien ma rriżultalu li qabel it-terminazzjoni r-rikorrent ġie avviċinat u akkużat uffiċjalment bin-nuqqasijiet jew ingħata ċans jiddefendi ruħhu għall-akkużi li għalihom is-soċjetà ħasset li għandha titterminah.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma li minkejja s-sensiela ta' akkużi li jpinġu l-karattru tar-rikorrent bħala wieħed diffiċli, it-terminazzjoni seħħet għar-raġuni li ma riedx ikun kompliċi f'attivitajiet illeċiti u dan għax kull referenza għall-atteġġjament mhux xieraq, nuqqas ta' dmirijiet li kellu jagħmel jew xogħol għal terzi waqt il-ħin tax-xogħol, jew użu ħażin tal-midja soċjali, kollha seħħew xhur kbar qabel u baqa' jiġi ppremjat ta' xogħlu apparti li jieħu l-paga jew intebħu bihom wara li ġie tterminat.*

*It-Tribunal jifhem li ċerti karigi jkunu marbuta b'ċerta kunfidenzjalità u dan ikun proprju biex tiġi salvagwardjata l-attività tal-kumpannija jew soċjetà, liema attività protetta bla dubju trid tkun waħda leċita u żgur li rabta b'kunfidenzjalità ma tkunx qed tinkludi illegalitajiet. Fil-każ odjern ir-rikorrent ikun qed jonqos bil-kbir kieku għażel li jissalvagwardja ġildu f'għajnejn is-soċjetà intimata u jibqa' sieket u mhux kif fil-fatt għamel u għażel li jżomm mal-obbligi etiċi li l-professjoni tiegħu torbtu bihom, liema obbligi li ġew rispettati, it-Tribunal jemmen li wasslu biex ir-rikorrent jiġi tterminat."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà intimata fis-16 ta' Ottubru, 2023, hija talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet għal raġunijiet ġustifikati skont il-liġi. Is-soċjetà intimata spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u huwa għalhekk li hija interponiet appell minnha.

6. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat beda l-impjieg tiegħu magħha fl-1 ta' Mejju, 2016, u qabel ma ġie ngaġġat magħha, l-appellat kien jaħdem ma' Ganado Advocates, fejn kien responsabbli għas-*securitisation project* tas-soċjetà appellanta stess. L-appellanta qalet li meta hija saret taf li l-appellat ma kienx għadu jaħdem ma' Ganado Advocates, kienet hija stess li offrietlu impjieg magħha, u dan għaliex kien diġà involut fis-*securitisation project* tagħha. Qalet li matul l-impjieg tiegħu magħha, l-appellat kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu bħala impjegat, u kiser ukoll il-*guidelines and policies* tagħha, u kiser ukoll l-obbligi kunfidenzjali u r-responsabbiltajiet legali, etiċi u professjonali tiegħu. Qalet ukoll li l-aġir tiegħu fil-konfront tagħha u tal-impjegati tagħha, kien wieħed abbużiv u inaċċettabbli. Is-soċjetà appellanta qalet li kellu jirriżulta li

hija tat diversi opportunitajiet lill-appellat sabiex ma jibqax jippersisti fl-aġir inaċċettabbli tiegħu, iżda imbagħad hija ma kellhiex għażla oħra għajr li titterminalu l-impjieg b'mod immedjat, u dan għal raġunijiet ġustifikati skont il-liġi.

7. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu rrikonoxxa li kien hemm aġir offensiv min-naħa tal-appellat fil-konfront ta' individwi li ġew imsemmija jew indirizzati fl-istess deċiżjoni, fl-istess waqt iddeċieda li ladarba dawn l-*emails* kienu ġew skambjati xhur qabel it-terminazzjoni, dawn ma setgħux wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat. Qalet li hija ma tistax tifhem għal liema raġuni t-Tribunal sab li l-aġir tal-appellat kien jikser l-obbligi kuntrattwali tiegħu fil-konfront tal-prinċipal, u li għalhekk l-appellanta kellha raġunijiet validi sabiex tittermina l-impjieg tal-appellat, iżda imbagħad it-Tribunal ikkonkluda li s-soċjetà appellanta kienet irrinunzjat għad-dritt tagħha li tittermina l-impjieg tal-appellat minħabba n-nuqqasijiet u l-ksur kuntrattwali serju min-naħa tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li għandu jirriżulta li din il-konklużjoni tat-Tribunal hija waħda żbaljata għaliex minn imkien ma jirriżulta li hi rrinunzjat għal tali drittijiet. Qalet ukoll li lanqas ma jista' jingħad li hija rrinunzjat għal tali dritt li tittermina l-impjieg b'mod taċitu, għaliex l-appellat tħallas *bonus*. Is-soċjetà appellanta spjegat li tali *bonus* ma kienx *performance bonus* assoċjat mal-imġiba u/jew mal-kwalità tax-xogħol tal-appellat, iżda kien sempliċement *contractual bonus,* u għalhekk il-pagament tiegħu bl-ebda mod ma jindika li hija rrinunzjat għall-jeddijiet tagħha li tittermina l-impjieg tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li bil-ħlas ta' dan il-*bonus,* hija kienet qiegħda tikkonforma mal-obbligi tagħha bħala prinċipal, għaliex li kieku naqset milli tagħmel dan, hija kienet tkun qiegħda tikser il-liġi.

8. L-appellanta saħqet li hija kienet kawta fid-deċiżjoni li tittermina l-impjieg tal-appellat, u l-fatt li hija ma tterminatx b'mod immedjat, m'għandux ifisser li hija b'xi mod irrinunzjat għad-dritt tagħha li tittermina l-impjieg tal-appellat, u l-prinċipal m'għandux jiġi penalizzat għaliex ma jkunx aġixxa b'mod immedjat, u lanqas m'għandu jitqies li ġew rinunzjati d-drittijiet tiegħu.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal irrikonoxxa li l-aġir tal-appellat kien wieħed inaċċettabbli u abbużiv, u uża lingwaġġ offensiv meta kien qiegħed jindirizza jew jirreferi għal kollegi tiegħu fi ħdanha, u dan l-aġir kien wieħed intollerabbli. L-appellanta qalet li fl-*affidavit* tiegħu Jeremy Leach jagħmel riferiment għal numru ta' *emails* fejn l-appellat kien abbużiv fil-konfront tal-kollegi tiegħu, u dwar dan l-aġir abbużiv kien hemm ukoll impjegati oħra tas-soċjetà appellanta li xehdu. L-appellanta qalet li dan l-aġir abbużiv tal-appellat wassal sabiex hija tterminat l-impjieg tiegħu, u dan l-aġir abbużiv fih innifsu jagħti raġuni valida fil-liġi sabiex hija titterminalu l-impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal qatt ma seta' jsib li hija aġixxiet skorrettement, għaliex hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tittermina. Is-soċjetà appellanta qalet li dak li qal l-appellat li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat għaliex huwa kien hedded li jikxef xi informazzjoni fuq l-operat tagħha, ftit li xejn ireġi, għaliex ġie ppruvat li hija kellha raġunijiet suffiċjenti għat-terminazzjoni, u ma kellha għalfejn tivvinta l-ebda skuża sabiex issib fuq xiex tkeċċi lill-appellat. L-appellanta qalet li kellu jkun ċar għat-Tribunal li dan kien tentattiv min-naħa tal-appellat sabiex ipoġġiha f'dell ikrah, u jipprova jiġġustifika l-aġir abbużiv tiegħu, u fi kwalunkwe każ l-appellat ma ressaq l-ebda prova li kien hemm xi aġir ħażin min-naħa tagħha, liema aġir seta' b'xi mod jiġi

rrappurtat. Qalet ukoll li filwaqt li t-Tribunal irrefera għal proċeduri fil-Cayman Islands fil-konfront tagħha, ma nġabet l-ebda prova ta' dan fil-kors tal-proċeduri odjerni.

10. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal sab li l-aġir tal-appellat kien wieħed skorrett, tant hu hekk li ddeskrivieh bħala 'offensiv', iżda imbagħad donnu ta l-impressjoni li hija kien imissha ressqet xhieda oħra li jikkonfermaw dak li ġie ppruvat b'mod ampju minnha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-korrispondenza kollha esebita, li dwar l-awtentiċità tagħha l-partijiet qablu, kif ġie ivverbalizzat waqt il-kontro-eżami tal-appellat, ma tħalli l-ebda dubju dwar l-aġir tal-appellat, kif ġie ikkonstatat mit-Tribunal stess. Kompliet tgħid li għalhekk it-Tribunal kellu l-aħjar prova quddiemu fil-forma ta' *emails,* u kien ikun inutli u superfluwu li hija tressaq ix-xhieda indikati mit-Tribunal sabiex tikkonferma dak li diġà kien ġie ppruvat bl-aħjar prova, partikolarment il-kontenut tal-*emails.* Qalet li abbażi ta' dan, kellu jirriżulta li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet ibbażata fuq raġunijiet validi fil-liġi, u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet żbaljata meta ddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet kontra l-liġi.

11. Is-soċjetà appellanta temmet tgħid li jekk din il-Qorti jidhrilha li hija ma tterminatx l-impjieg tal-appellat b'mod immedjat, u għalhekk hija tilfet id-dritt li tittermina l-impjieg tal-appellat, l-aġir tal-appellat u ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-terminazzjoni tiegħu, għandhom ikunu fattur fil-komputazzjoni ta' kwalunkwe danni li jistgħu jiġu ordnati favur tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma setax fl-istess nifs li jgħid li l-aġir tal-appellat kien wieħed skorrett fil-konfront tagħha u tal-kollegi tiegħu, jikkomputa l-kumpens

daqslikieku l-appellat huwa l-vittma f'dawn iċ-ċirkostanzi. Qalet li jekk din il-Qorti jidhrilha li l-appellat għandu jingħata xi tip ta' kumpens, dan il-kumpens għandu jiġi ttemprat sabiex jirrifletti n-nuqqasijiet tal-appellat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata, għaliex dan l-appell ma jittratta l-ebda punt ta' dritt. Qal li minkejja li s-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal għamel interpretazzjoni ~~u~~ applikazzjoni żbaljata tad-disposizzjonijiet tal-liġi applikabbli għall-każ odjern, dan ma jfissirx li l-appell huwa validu fil-kuntest tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li l-appell ma kienx dwar xi punt ta' dritt, u lanqas id-deċiżjoni tat-Tribunal ma kienet dwar xi punt ta' dritt.

13. B'riferiment għall-ewwel aggravju imressaq mis-soċjetà appellanta, l-appellat qal li huwa ma jaqbilx li d-deċiżjoni appellata hija manifestament żbaljata u allura m'hemm xejn *"paċifiku"*, u ma jistax jingħad li t-Tribunal għamel żball ta' dritt, meta bħala fatt ikkonkluda li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kellu jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha. Qal li s-soċjetà appellanta elenkat diversi fatti li fil-fehma tagħha kellhom iwasslu lit-Tribunal għal pożizzjoni differenti minn dik li wasal għaliha, u dan kollu jammonta għal punti ta' fatt u mhux ta' dritt, u għalhekk dan m'għandux ikun ammissibbli bħala aggravju.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, l-appellat qal li l-apprezzament tal-aġir tal-impjegat f'każ ta' tkeċċija inġusta, huwa riżervat għat-Tribunal, u fil-każ odjern dan l-apprezzament sar, u wassal lit-Tribunal għal konklużjoni li m'għoġbitx lis-soċjetà appellanta. L-appellat qal

li dan ma jfissirx li din hija konklużjoni żbaljata fid-dritt. Qal ukoll li din il-konklużjoni ma tistax tiġi sindakata minn din il-Qorti għaliex it-Tribunal ma ta ebda interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt, u lanqas m'għamel applikazzjoni ħażina ta' xi punt ta' dritt.

15. Filwaqt li għamel riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li s-soċjetà appellanta ma twaqqfet minn ħadd milli ġġib l-aħjar prova li setgħet tressaq, però fatali għall-argument tagħha huwa l-fatt li t-Tribunal ikkonkluda li l-provi miġjuba minnha ma kinux suffiċjenti biex bihom it-Tribunal jistabbilixxi bħala fatt li l-aġir tal-appellat kien jiġġustifika t-tkeċċija tiegħu. L-appellat qal li lanqas dan ma jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt jew l-applikazzjoni ħażina ta' xi prinċipju ta' dritt. Qal li t-Tribunal ra l-fatti miġjuba quddiemu, u kkonkluda li abbażi ta' dawn il-fatti ma kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud ukoll.

16. L-appellat għamel riferiment wkoll għar-raba' aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, fejn din qalet li l-aġir tiegħu kellu jitqies bħala fattur li kellu jittieħed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-kumpens. L-appellat qal li għal darb'oħra, is-soċjetà appellanta qiegħda tistieden lill-Qorti teżamina l-fatti, u wara tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tat-Tribunal, u tikkonkludi li l-ammont ta' kumpens stabbilit mit-Tribunal għandu jitnaqqas minħabba l-aġir tal-appellat. Qal li dan l-aggravju ma jittratta l-ebda interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt jew applikazzjoni ħażina ta' xi punt ta' dritt, u għalhekk għandu jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Eċċezzjoni:* *[Ir-rinunzja tas-soċjetà appellanta għall-jeddijiet kuntrattwali tagħha]*

18. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li hija b'xi mod irrinunzjat għall-jedd tagħha li tipproċedi kontra l-impjegat tagħha, l-appellat, għaliex kien laħaq għadda ċertu żmien minn meta seħħew ċ-ċirkostanzi li s-soċjetà appellanta tgħid li wasslu għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, u meta l-appellat effettivament tkeċċa mill-impjieg. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-fatt li hija ħallset il-*bonuses* lill-appellat, liema *bonuses* tħallsu sabiex hija tosserva l-obbligi kuntrattwali tagħha kollha fir-rigward tal-impjegat tagħha, ma kellux jiġi kkunsidrat bħala xi forma ta' rinunzja, lanqas taċita, tal-jedd tagħha li tipproċedi kontra l-impjegat tagħha f'każ li jkun hemm raġuni għal dan. Qalet li l-fatt li hija eżerċitat ċerta kawtela qabel ipproċediet bit-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, ma kellux jippreġudikaha, u huwa għalhekk li t-Tribunal kien skorrett fil-konklużjoni tiegħu.

19. F'dan il-kuntest, u in vista tal-eċċezzjoni mressqa mill-appellat, li dan l-aggravju ma jirreferi għall-ebda punt ta' dritt deċiż mit-Tribunal, il-Qorti

tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Tonio Calleja *vs.* Vitafoam Limited**[1]:

> *"Premessi l-ilmenti tal-appellant u r-risposta tas-soċjetà appellata għalihom, jibda biex jiġi reġistrat, in kontemplazzjoni tal-preġudizzjali preliminari sollevata, illi s-subinċiż (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet jakkorda d-dritt ta' appell lil din il-Qorti mis-sentenza tat-Tribunal "fuq punt ta' liġi". Jiġi osservat li din id-dispożizzjoni ma tgħidx ukoll illi l-punt ta' liġi irid ikun deċiż mit-Tribunal fis-sentenza, kif hekk, inversament jagħmlu, ad eżempju, l-artikolu 15(2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u l-artikolu 24(b) tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tal-Bini (Kap. 69). Li jfisser, allura, illi kif bosta drabi oħra ritenut u ripetut, "huwa suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta involut jew* impliciter *fid-deċiżjoni in kwantu din tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipji interpretattivi tal-liġi li l-appellant jikkontesta (Kollez. Vol. XL P. I p. 137)."*

20. Il-Qorti tibda biex tirrileva li t-Tribunal imkien ma kkonkluda li kien hemm xi forma ta' rinunzja min-naħa tas-soċjetà appellanta għall-jedd tagħha li tittermina l-kuntratt ta' impjieg tal-appellat. Kuntrarjament għal dan, it-Tribunal ikkunsidra diversi fatturi u ċirkostanzi li ħarġu mill-provi, u wara li qies il-fattur taż-żmien meta seħħew ċerti avvenimenti, bħal per eżempju meta l-appellat ipparteċipa f'laqgħat fi Spanja u fir-Renju Unit, is-senjalazzjoni mill-appellat ta' informazzjoni serja dwar l-operat tas-soċjetà appellanta, li eventwalment wasslet biex ittieħdu passi fil-konfront tas-soċjetà appellanta f'ġurisdizzjonijiet barranin, il-fatt li qatt ma kien hemm proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat, il-fatt li l-appellat baqa' jkun il-punt ta' riferiment għal deċiżjonijiet maġġuri li kellhom jittieħdu fi ħdan is-soċjetà appellanta, il-ħlas lilu ta' somom sostanzjali ta' flus bħala *bonuses,* in-nuqqas ta' provi dwar użu ħażin tal-midja soċjali, sabiex ikkonkluda li dak li wassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat ma kienitx l-imġiba inaċċettabbli tiegħu. It-Tribunal qal

[1] 15.02.2006.

ukoll li l-imġiba inaċċettabbli tal-impjegat trid tkun il-kawża jew waħda mill-kawżi li jwasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg, u meta qies kollox, minkejja li għaraf li kien hemm aġir min-naħa tal-appellat li seta' ma kienx aċċettabbli, ikkonkluda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg mas-soċjetà appellanta ma kienitx għal raġunijiet ġusti u suffiċjenti skont il-liġi, iżda seħħet minħabba ċirkostanzi li beda jitkellem dwarhom l-appellat, u minħabba dan bdew jiddejqu uħud mid-diriġenti tas-soċjetà appellanta. It-Tribunal qies li r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg jinkwadraw ruħhom f'uħud mis-sub-inċiżi li jaqgħu taħt l-artikolu 36(14) tal-Kap. 452, u kien għalhekk li kkonkluda li ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni bejn l-aġir tal-appellat fuq il-post tax-xogħol, partikolarment fir-rigward tal-kollegi tiegħu u l-mod kif kien jirrelata magħhom, u d-deċiżjoni eventwali li ttieħdet li huwa jitkeċċa mill-impjieg. Din il-Qorti tqis li b'dan l-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qiegħda tagħmel riferiment għal konklużjoni li t-Tribunal bl-ebda mod ma wasal għaliha, u għalhekk tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u sejra tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Raġuni valida għat-terminazzjoni]*

21. Is-soċjetà appellanta tgħid li għalkemm it-Tribunal irrikonoxxa li l-aġir tal-appellat seta' f'xi waqtiet kien abbużiv u inaċċettabbli, xorta waħda kkonkluda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta. Hawnhekk l-appellanta semmiet l-*emails* li kien jibgħat l-appellat, u l-imġiba li hija tgħid li kienet intollerabbli f'xi waqtiet. Tgħid li minkejja dan, it-Tribunal donnu aċċetta l-linja argumentattiva tal-appellat, li huwa safa mkeċċi mill-impjieg minħabba li

żvela xi informazzjoni fuq l-operat tas-soċjetà appellanta, meta ma tressqet l-ebda prova dwar dan.

22. Din il-Qorti ma tistax tissindaka l-evalwazzjoni tal-provi li għamel it-Tribunal sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni eżerċitata minnu bid-diskrezzjoni tagħha, partikolarment meta l-liġi li tirregola l-materja tgħid li l-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għandhom ikunu limitati għall-punti ta' dritt. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu ta' għalfejn fuq bilanċ tal-provi, it-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, kienet waħda inġusta meta wieħed jikkunsidra l-fatti kollha tal-każ. Iżda l-Qorti tgħid li t-Tribunal kien korrett fl-evalwazzjoni tiegħu, u ż-żmien donnu ta raġun lill-appellat, li huwa minnu li kien hemm nuqqasijiet fl-operat tas-soċjetà appellanta, u jirriżulta li d-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat jiġi tterminat ittieħdet biss fil-mument li dan beda jitkellem fl-apert dwar dawn in-nuqqasijiet. L-*emails* u l-lingwaġġ offensiv min-naħa tal-appellat, l-allegazzjonijiet ta' imġiba mhux xierqa fuq il-post tax-xogħol mill-appellat, l-allegazzjoni li l-appellat għamel xogħol privat billi uża r-riżorsi tas-soċjetà appellanta fil-ħin tax-xogħol, kienu kollha fatturi li għall-appellanta ma tqisux importanti biżżejjed biex jimmeritaw azzjoni dixxiplinarja fil-konfront tal-appellat. Kien biss fil-mument li dan beda jikkritika l-operat tas-soċjetà appellanta, li ttieħdet id-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat għandu jiġi tterminat. Kien għalhekk li t-Tribunal qies li din id-deċiżjoni ta' tkeċċija ma kienitx għal raġunijiet ġusti u suffiċjenti skont il-liġi, għaliex uħud mill-allegazzjonijiet li saru jinkwadraw ruħhom perfettament taħt l-artikolu 36(14) (e) u (f) tal-Kap. 452, anki jekk ma jirriżultax li l-appellat ipparteċipa fi proċeduri kontra min kien iħaddmu, u ma kien hemm l-ebda rapport lill-awtoritajiet regolatorji dwar l-

allegati nuqqasijiet. Il-Qorti tqis li dak li xpruna t-tkeċċija tiegħu kien il-mod kif l-appellat beda jitkellem fil-miftuħ dwar nuqqasijiet fl-operat tas-soċjetà appellanta. Il-Qorti għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[L-aħjar prova]*

23. Is-soċjetà appellanta tgħid li filwaqt li t-Tribunal sab li l-aġir tal-appellat kien wieħed offensiv, u dan abbażi tal-*emails* esebiti u ta' dak li qalu uħud mix-xhieda mressqa minnha, madanakollu imbagħad bħal donnu jgħid li s-soċjetà appellanta messha ressqet xhieda oħra biex jikkonfermaw dak li kien ġie ampjament ippruvat mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li l-kontenut tal-*emails* jikkostitwixxi l-aħjar prova li setgħet tressaq is-soċjetà appellanta, u abbażi ta' dawn il-provi kellu jiġi deċiż li kien hemm raġunijiet suffiċjenti fil-liġi li kellhom iwasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat.

24. Il-Qorti diġà spjegat għal liema raġuni hija m'għandhiex tiddisturba l-evalwazzjoni tal-provi li saret mit-Tribunal Industrijali. Jirriżulta li ħadd ma waqqaf jew b'xi mod ikkontrolla l-kwalità u l-kwantità tal-provi miġjuba mill-partijiet quddiem it-Tribunal, u għalhekk kull parti kienet fil-libertà li tressaq ix-xhieda li riedet sabiex tipprova l-każ jew id-difiża tagħha. Jirriżulta wkoll li t-Tribunal iddeċieda abbażi tal-provi li kellu quddiemu, u anki jekk din id-deċiżjoni ma kienitx għas-sodisfazzjon tas-soċjetà appellanta, li kienet qiegħda tiddefendi ruħha minn allegazzjoni li tterminat l-impjieg ta' wieħed mill-impjegati tagħha għal raġunijiet li mhumiex xierqa, b'daqshekk ma jfissirx li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni korretta tal-provi li kellu quddiemu. It-Tribunal kien

konvint li minkejja l-aġir tal-appellat, u t-ton li bih kien jindirizza lill-kollegi tiegħu fuq il-post tax-xogħol, kif jirriżulta anki mill-*emails* esebiti fil-proċess, ir-raġuni vera li wasslet għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet il-mod kif huwa ssenjala nuqqasijiet fl-operat tas-soċjetà appellanta, bħal donnu li l-imġiba tal-appellat kienet ittollerata biss sa dak il-punt, u kien biss wara li dan tkellem dwar l-operat tal-kumpannija li l-aġir tiegħu beda jitqies li huwa abbużiv jew intollerabbli. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li anki t-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Dwar il-quantum tal-kumpens]*

25. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li jekk din il-Qorti tiċħad l-ewwel tliet aggravji tagħha, hija għandha tikkunsidra l-fatt li t-Tribunal qies li l-aġir tal-appellat ma kienx korrett, iżda xorta waħda akkordalu kumpens sostanzjali daqs li kieku l-appellat ma kellu l-ebda responsabbilità x'jerfa' fiċ-ċirkostanzi.

26. Il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni tal-*quantum* tal-kumpens ċertament li mhijiex konsiderazzjoni ta' dritt li għandha tidħol fiha din il-Qorti. It-Tribunal kellu għad-dispożizzjoni tiegħu provi dwar il-ħlasijiet sostanzjali li s-soċjetà appellanta vversat lill-appellat tul is-snin, kemm bħala ħlas ta' salarju, kif ukoll fil-forma ta' *bonuses,* u kien abbażi ta' dawn iċ-ċifri li nħadem il-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat. Is-soċjetà appellanta tilmenta biss mill-*quantum* f'dan l-aggravju tagħha u tgħid li dan għandu jiġi ttemprat, mingħajr però ma tgħid kif dan għandu jiġi mnaqqas. In vista tal-mod kif inhu miktub dan l-aggravju, u anki għaliex il-kontestazzjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens mhijiex

kwistjoni dwar punt ta’ liġi, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta’ dan l-aggravju, u għalhekk sejra tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**